VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,698, 16 ta' Diċembru, 2016
Taqsima B

A.L. 423 tal-2016

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa ir-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.19.

Skop.

2. L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex tiġi trasposta d-Direttiva (UE) 2015/719 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali u fejn meħtieġ jiġu affetwati emendi għal atti prinċipali.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-test Ingliż, il-kelma "loical" fit-tifsira "authorized inspecting officer" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "local";

(b) it-tifsira "burdnar" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "burdnar" tfisser entità ġuridika jew persuna fiżika jew ġuridika li hija msemmija fuq polza ta' kargu jew fuq dokument ta' trasport ekwivalenti, pereżempju polza ta' kargu tat-tip 'through', bħala l-burdnar u, jew li f'isimha jew għan-nom tagħha jkun ġie konkluż kuntratt ta' ġarr mal-kumpannija tat-trasport;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "id-Direttiva 2006/22/KE"

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Direttiva (UE) 2015/719" tfisser id-Direttiva (UE) 2015/719 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali;

"Direttiva 92/106/EEC" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/EEC tas-7 ta' Diċembru 1991 fuq il-promulgazzjoni ta' regoli komuni li jirregolaw ċerta tipi ta' transport ta' oġġetti kombinati bejn Stati Membri;";

(d) minnufih wara t-tifsira "okkupazzjoni ta' burdnar"" għandha tiżdied t-tifsira ġdida li ġejja:

" "operazzjoni tat-trasport intermodali" tfisser:

(a) l-operazzjonijiet tat-trasport kombinati imfissra fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE li jittrasportaw kontenitur jew kontenituri jew kaxxi skambjabbli, sa tul massimu totali ta' 45 pied, jew

(b) operazzjonijiet ta' trasport li jittrasportaw kontenitur jew kontenituri jew kaxxi skambjabbli, sa tul massimu totali ta' 45 pied, li jużaw it-trasport fuq l-ilma, sakemm it-tul inizjali jew finali tat-triq ma jaqbiżx 150km fit-territorju tal-Unjoni. Id-distanza ta' 150km imsemmija hawn fuq tista' tinqabeż sabiex jintlaħaq l-eqreb terminal ta' trasport adatt għas-servizz previst fil-każ li:

(i) vetturi li jikkonformaw mal-punti 2.2.2 (a) jew (b) tal-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar il-Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur; jew

(ii) vetturi li jikkonformaw mal-punti 2.2.2 (ċ) jew (d) tal-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar il-Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur fil-każ li tali distanzi jkunu permessi fl-Istat Membru rilevanti.

Għall-operazzjonijiet tat-trasport intermodali, l-eqreb terminal ta' transport adatt li

VERŻJONI ELETTRONIKA

jipprovdi servizz jista' jkun jinsab fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li fih il-konsenja ġiet mgħobbija jew maħtuta;";

(e) fit-test Ingliż, minnufih wara t-tifsira "semi-trailer" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "shipper" means a legal entity or a natural or legal person who is named on the bill of lading or on an equivalent transport document, such as "through" bill of lading, as the shipper and/or in whose name or on whose behalf a contract of carriage has been concluded with the transport company;".

Jemenda r-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali.

4. Is-subregolament (4) tar-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat bħala s-subregolament (5) u minnufih wara s-subregolament (3) għandu jidħol is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Għat-trasport ta' kontejners u kaxxi skambjabbli:

(a) il-burdnar jagħti lit-trasportatur bit-triq fdat bit-trasport ta' kontejner jew kaxxa skambjabbli dikjarazzjoni li tindika l-piż tal-kontejner jew kaxxa skambjabbli li tkun ġiet trasportata; u

(b) it-trasportatur bit-triq jipprovdi aċċess għad-dokumentazzjoni rilevanti kollha provduta mill-burdnar.".

Jemenda r-regolament 84 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fis-subregolament (1) tar-regolament 84 tar-regolamenti prinċipali minnufih wara l-kliem "u skond id-Direttiva 2006/22/KE" għandhom jidħlu l-kliem "u d-Direttiva (UE) 2015/719" u l-kliem "għall-finijiet ta' dik id-Direttiva" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għall-finijiet ta' dawn id-Direttivi.".

Jemenda r-regolament 88 tar-regolamenti prinċipali.

6. Is-subregolament (6) tar-regolament 88 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (7) u minnufih wara s-subregolament (5) għandu jiżdied is-subregolament li ġej:

"(6) Kull persuna li tikser id-dispożizzjoni tar-regolament 35(4) tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinstab ħatja, teħel ammenda ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23).".

Jemenda s-Sitt Skeda tar-regolamenti prinċipali

7. Is-Sitt Skeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-punt numru 2 tal-paragrafu 6 taħt l-intestatura

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Rekwiżiti Tekniċi u ta' Sigurtà Minimi", minnufih wara l-kliem "Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti (Kap. 427)" għandu jiżdied dan li ġej:

"u r-regolamenti rilevanti maħruġa skont l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65)";

(b) fil-punt numru 2 tal-paragrafu 10 taħt l-intestatura "Rekwiżiti Tekniċi u ta' Sigurtà Minimi" għandu jiġi enumerat bħala l-paragrafu 12 u minnufih wara l-paragrafu 9 għandu jiżdied dan li ġej:

"10. Vetturi reġistrati f'Malta għandu jkun installat fuqhom tagħmir li jirregola l-piż kif speċifikat fir-Regolamenti dwar Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur, (L.S.65.21).

(11) It-tagħmir ajrudinamiku speċifikat fir-Regolamenti Dwar Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur, (L.S.65.21), għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet operazzjonali li ġejjin:

a. f'ċirkostanzi fejn is-sikurezza ta' utenti oħra tat-triq jew tas-sewwieq tinsab f'riskju, għandu jintewa, jinġibed lura jew jinqala' mis-sewwieq;

b. l-użu tiegħu fl-infrastrutturi tat-toroq urbani u interurbani għandu jqis il-karatteristiċi speċjali ta' żoni fejn il-limitu ta' veloċità jkun inqas jew ta' 50km/siegħa u fejn hemm possibilità akbar li jkunu preżenti utenti tat-triq aktar vulnerabbli; u

ċ. l-użu tiegħu għandu jkun kumpattibbli mal-operazzjonijiet tat-trasport intermodali u b'mod partikolari, fejn miġbud lura/mitwi, ma għandux jiżdied it-tul massimu awtorizzat b'aktar minn 20ċm.".